Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 119/2018

Il-Pulizija

Vs

James Farrugia

Illum 5 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant James Farrugia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 444886M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli mix-xahar ta' Settembru 2017 sa Dicembru 2017, gewwa l-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Victoria Camilleri, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' James Farrugia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Antonio Giovanni Vella, nhar it-12 ta' Marzu, 2018 u konsegwentement tillibera lill-esponent appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant James Farrugia huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi fi zmien ta' bejn Settembru u Dicembru 2017, l-esponent kien ghaddej minn diffikultajiet personali u wkoll safa minghajr imjieg. L-esponent jirrileva illi sa dan iz-zmien huwa dejjem hadem sabiex mantna l-familja tieghu. Huwa naqas milli jaghti l-manteniment lil Victoria Camilleri biss minhabba impossibilità fic-cirkostanzi u mhux kapriccosament. Illi in oltre, minkejja d-diffikultajiet li ghadda minnhom, l-esponent jinsab determinat li jirriforma ruhu, jerga' jintegra lilu nnifsu fis-socjetà u jerga' jidhol fid-dinja tax-xoghol sabiex ikun jista' imantni lil ibnu u jonora l-obbligi tieghu.

   Ghaldaqstant l-esponent umilment ihoss li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni ghal dawn il-fatti u cirkostanzi.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena nflitta hija eccessiva u sproporzjonata. F'dan ir-rigward, l-esponent ihoss li l-ewwel Onorabbli Qorti meta ghaddiet biex tinfliggi l-piena, ma qisitx b'mod ragonevoli c-cirkostanzi li jinsab fihom l-esponent. Lanqas ma tat konsiderazzjoni tal-fatt illi piena karcerarja taghmilha impossibbli ghal esponent li jsib xoghol u jkun jista' jhallas il-manteniment. Iktar ma jittawwal iz-zmien li l-esponent jinzamm il-habs, iktar tonqos il-possibilità li hu jsib xoghol.

L-esponent jirrileva illi bosta drabi l-Qrati taghna sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha mezz riformattiv fl-imputat a skapitu tal-mezz tad-deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, 2003, il-Qorti qalet illi:

> *Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjetà, izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li digà, bil fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal saggorn ma'nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigri riformat, hemm il-possibiltà illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza … tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u sa fejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilità illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-segwenti sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, ukoll naghtaw opportunità ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs. Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.*

Referenza ssir ukoll ghal dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, tat-18 ta' Jannar 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Farrugia**:

> *Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs… Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders"*

*zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Inoltre, l-esponent jirrileva illi kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Publis Said**, deciza fid-9 ta' Lulju tas-sena 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

*L-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni* (referenza ghar-reat kontravenzjonali kontemplat fl-artikolu 338 (z) tal- Kap 9) *xi ftit tas-snin ilu kien jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttati li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif inqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.*

Ghalhekk, kif intqal mill-Qrati Maltin, l-ghan ewlieni f'din id-disposizzjoni ma kienx dak retributtiv izda biss li jaghmel pressjoni fuq persuni li ma jkunux hallsu l-manteniment sabiex ihallsu dak stipulat. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-applikazzjoni ta' piena karcerarja effettiva ma kinitx gusta u ma tirriflettix l-ghan ahhari lal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9. Ghalhekk il-piena ta' xahrejn prigunerija kif inflitti mill-ewwel Qorti, kemm fil-kwalità taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantità, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accettat u accenat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-akkuza li tahtha tressaq l-esponent hija kontravvenzjonali u ghalhekk mhux applikabbli l-piena tal-prigunerja izda semmai dik tad-detenzjoni.

Semghet lil Dr Timothy Bartolo jiddikjara fis-seduta tal-4 ta' Settembru, 2018 ghan-nom tal-kwerelanti Victoria Camilleri, li l-kwerelanti thallset ghas-saldu tal-pretensjoni taghha fejn tirrigwarda din il-kontravenzjoni u li ghalhekk xtaqet tirtira l-

procedura odjerna u in oltre ddikjara li l-patrocinata tieghu ma kientix interessata fl-ezitu ta dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi jigi rilevat li dawn il-proceduri odjerni huma proceduri kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk ma jistghux jigu rtirati minn parti izda din il-Qorti tista' tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz una volta u biss jekk il-prosekuzzjoni tirtira l-akkuza taghha li mhux il-kaz in desamina. Illi pero' m'hemmx dubbju li l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li l-appellant hallas lill-kwerelanti fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Jinghad wara kollox li kif gie ritenut fid-decizjoni moghitja mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Micallef**[1] fejn ukoll saret referenza ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Publius Said**[2] li, "*... l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi*"

Illi ghalhekk jidher li permezz tal-hlas li ghamel l-appellant a favur l-kwereanti Victoria Camilleri l-iskop tal-legislatur gie milhuq.

Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant isemmi diversi ċirkostanzi ta' fatt sabiex jispjega għaliex fiż-żmien relevanti ma kienx f'pożizzjoni li jħallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti iżda ta' dawn iċ-ċirkostanzi ma nġiebet ebda prova u għalhekk din il-Qorti ma tistax teħodhom in kunsiderazzjoni għall-finijiet tal-piena.

Illi pero' jirrizutla bic-car li l-partijiet waslu fi ftehim u li ma ghadx hemm pendenzi bejniethom.

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw

[1] Deciz nhar is-27 ta' Lulju, 2006 fl-Appell Kriminali nru. 84/2006
[2] Deciz nhar il-25 ta Settembru, 2003

din il-Qorti tara li piena ta' prigunerija ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformanti in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u uliedu. B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Jidher li skond il-kuntratt redatt min Nutar Sean Critein datat 19 ta' Frar 2014 jidher li l-appellant kien obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' mitjen u hamsin euro (€250) fix-xahar lil martu Victoria Camileri bhal manteniment ghal binhom Dylan u ghalhekk l-pendenza li kellu l-appellant fil-konfront tla-kwerelanti ghan nom ta' binhom kienet fl-ammont ta elf euro (€1,000).

Il-Qorti tinnota li kellha tistana dawn ix-xhur kollha sabiex hija tithallas dak dovut lilha skond il-kuntratt.

Rat ukoll li l-fedina penali tal-appellant m'hix wahda felici b'diversi reati registrati fuqha fosthom dawk ta' abbuz ta' droga, hsara volontarja, ikkaguna feriti gravi fuq terza persuna u reati naxxenti mill-Ordinanza tat-traffiku fejn inghata diversi pieni konsistenti f'multi, sentenza ta' prigunerija sospiza kif ukoll xi conditional u unconditional discharges.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li min ma jonorax l-Ordni tal-Qorti meta ordnat li jghamel dan jidher quddiemha u jippretendi li qisu ma sar xejn u johrog b'xi unconditional discharge. Dan ir-ragunament zgur mhux ir-ragunament li din il-Qorti ser tabbraccja f'dawn ic-cirkostanzi. Il-Qorti tfakkar lill-appellant li minkejja kull dizgwid li setgha kellu jew ghandu ma martu Victoria Camilleri m'ghandux isofri l-iben minuri Dylan u ghalhekk il-Qorti thoss li qeda fid-dmir li tipprotegi l-minuri u

tittama li ma tergax issib lill-appellant quddiemha fuq reat bhal dan ghaleix darb ohra zgur li jsib l-id kiefra tal-ligi.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' xaghrejn prigunerija mposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn erbgha nuqqas ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mitt euro (€100) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat James Farrugia jħallas l-ammenda imposta fuqu minnufih fi zmien erbgha u ghoxrin siegha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur